31994R3175

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3175/94
tal-21 ta' Diċembru 1994
li jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċereali għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew u li jistabbilixxi l-previżjoni tal-bilanċ tal-provvista.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew li jikkonċernaw ċerti prodotti agrarji [1], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 822/94 [2], u partikolarment l-Artikolu 4,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2958/93 [3], jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrarji għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew;

Billi, sabiex jittieħed akkont tal-prattiċi kummerċjali speċifiċi għas-settur taċ-ċereali, regoli ddettaljati, miżjuda jew derogi mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2958/93, għandhom ikunu stabbiliti;

Billi, permezz ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, il-previżjoni tal-bilanċ tal-provvista għall-prodotti taċ-ċereali għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew għas-sena 1995 għandu jkun stabbilit; dan il-bilanċ jista' jkun revedut matul is-sena fuq il-bażi tat-tendenzi kurrenti fil-gżejjer imsemmija;

Billi biex tkun assigurata l-amministrazzjoni effettiva ta' l-arranġamenti tal-provvisti, limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzi għandu jkun stabbilit u l-perjodu tal-validità ta' ċertifikati ta' l-għajnuna għandu jkun stabbilit;

Billi il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Permezz ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, il-previżjoni tal-bilanċ tal-provvista għaċ-ċereali li joriġinaw mill-Komunità għall-gżejjer iż-żgħar ta' l-Eġew għas-sena 1995 għandhom ikunu hekk kif stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Il-validità taċ-ċertifikati ta' l-għajnuna għandha teskadi fl-aħħar jum tat-tieni xahar wara x-xahar ta' ħruġ.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun japplika mill-1 ta' Jannar 1995.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Menbri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 184, tas-27.7.1993, p. 1.
[2] ĠU L 95, ta' l-14.4.1994, p. 1.
[3] ĠU L 267, tat-28.10.1993, p. 4.

L-ANNESS

Bilanċ tal-forniment taċ-ċereali għall-gzejjer iż-żgħar ta' l-Eġew għas-sena 1995

(tunnellati)

Kwantità		1995	
Prodotti taċ-ċereali li joriginaw fil-KE	Kodici NM	Gżejjer li jappartieni għall-Grupp A	Gżejjer li jappartieni għall-Grupp B
Ċereali tal-qamħ	1001, 1002, 1003, 1004 u 1005	10 000	30 750
Dqiq tal-qamħ	1001 u 1002	10 000	30 750
Residwi u skart ta' l-industrija ta' l-ikel	2302 sa 2308	1 000	16 500
Preparamenti għal tip użat fl-għalf ta' l-annimali	2309 90	1 000	6 500
	Total	22 000	84 500
	Total Globali	106 500	

Dawn il-gruppi huma definiti fl-Annessi I u II tar-Regolament (KEE) Nru 2958/93.